MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 485/2003

**Joseph Gatt**

**vs**

**Lawrence Fenech u martu Emmanuela Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta' Settembru tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu u jirrifondu s-somma ta' erbat elef, mitejn u tnejn u erbghin Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu, (LM4,242.78,0), jew somma verjuri li tigi stabbilita minn din il-qorti, rapprezentanti in kwantu ghal tlett elef, sitt mija u hamsin Lira Maltin, (LM3,650.00,0), bhala refuzjoni ta' depozitu mhallas ma' att tal-konvenju

mill-attur lill-konvenuti akkont tal-prezz u dan stante li l-att finali ta' bejgh tal-fond numru 18, Triq il-Harifa, Mosta, Malta, ma sarx, u in kwantu ghal hames mija, tnejn u disghin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu, (LM592.76,0), rapprezentanti spejjez ossia benefikati, li saru mill-attur fil-fond in kwistjoni, liema xoghlijiet gew ezegwiti minn persuni inkarigati mill-attur bil-kunsens tal-konvenuti;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 22 ta' Novembru tas-sena 2002, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut ecepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati sia bil-fatti u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huwa dovut l-ammont ta' elett elef, tlett mija u tmien Liri Maltin, (LM3,308.00,0), u mhux dak riklamat mill-attur;

2. Illi dan l-ammont gie depozitat taht l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jezimu ruhhom minn kwalunkwe responsabbilita';

3. Illi l-kap ta' l-ispejjez ghandu jigi soffert unikament mill-istess attur;

4. Illi l-konvenuti qed jiprevalu ruhhom mill-azzjoni attrici sabiex jipprezentaw il-kontro-talba taghhom;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti ukoll datata l-20 t'Ottubru tas-sena 2003, li permezz taghha ressqu lill-attur quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallsu lill-konvenuti s-somma ta' tlett mija u tnejn u erbghin Lira Maltin, (LM342.00,0), rapprezentanti spejjez inkorsi mill-konvenuti sabiex jirripristinaw il-fond numru 18, Triq il-Harifa, Mosta, Malta, wara xoghol esegwit mill-istess attur rikonvenzjonat;

2. Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv, bl-attur ingunt ghas-subizzjoni;

Rat l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenut datati l-20 ta' Novembru tas-sena 2003 li permezz taghhom ippremetta:

1. Illi t-talba tal-konvenuti rikonvenjenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez, stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-ebda ammont ma huwa dovut lill-konvenuti rikonvenjenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi;

Semghet ix-xhieda dovuta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet:

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament taghmel referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti stante li mill-bidu nett ta' din il-procdura l-konjugi Fenech ammettew li l-ammont minnhom hemm indikat ta' tlett elef, tlett mija u tmien Liri Maltin, (LM3,308.00,0), huma effettivament dovuti lill-attur u fil-fatt dan l-ammont gie minnhom anke debitament depozitat fir-registru ta' din il-qorti biex jigi liberament migbur mill-attur;

Illi ghalhekk din il-vertenza tirrizulta li hi proprjament limitata ghas-segwenti:

1. Tlett mija u tnejn u erbghin Lira Maltin, (LM342.00,0), id-differenza bejn il-partijiet rigward ir-rifuzjoni ta' depozitu li kien imhallas mill-attur mal-konvenju de quo;

2. Hames mija u tnejn u disghin Lira Maltin, (LM592.00,0), ghall-benefikati rikjamati mill-attur;

3. Tlett mija u tnejn u erbghin Lira Maltin, (LM342.00,0), spejjez inkorsi mill-konvenuti biex jirripristinaw il-fond de quo ghal dak li kien qabel l-intervent ta’ l-attur fuqu;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ammonti ta’ spejjez rilevati ghandu jinghad li dawn kollha gew debitament verifikati bhala relattivament precizi;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ewwel kap fuq indikat, senjatament dak rigwardanti r-rifuzjoni tad-depozitu maghmul mill-attur fl-att tal-konvenju, jirrizulta mill-istess att datat id-19 t’Awissu tas-sena 2002, (ara fol 64), li effettivament id-depozitu effettwat kien dak kif allegat mill-attur cioe’, ta’ tlett elef, sitt mija u hamsin Lira Maltin, (LM3,650.00,0), (ara fol 64);

Illi ghaldaqstant din il-qorti qed takkolji din it-talba attrici u konsegwentement qed tirrespingi l-allegazzjoni tal-konvenuti li ghaliex huma ddepozitaw l-ammont ta’ tlett elef, tlett mija u tmien Liri Maltin, (LM3,308.00,0), allura m’ghandhom jirrifondu xejn aktar lill-attur;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward ta’ l-ispejjez ammontanti ghal hames mija u tnejn u disghin Lira Maltin, u tmienja u sebghin centezmu, (LM592.78,0), rikjamati mill-attur ghal xoghlijiet fl-elettriku minnu effettwati ghal bzonnijiet specjali tighu ghandu jinghad li dan ghamilhom minn jeddu meta kien jaf li l-fond de quo ma kienx ghadu proprjeta’ tieghu u allura seta’ jitlef kollox;

Illi fil-fatt din tammonta ghal presunzjoni illegittima u allura din il-qorti tirrespingi din it-talba attrici;

Ikkunsidrat:

Illi in kontraposizzjoni ma’ dan il-kap, allura t-talba ghall-ispejjez inkorsi mill-konvenuti biex jirripristinaw il-fond taghhom ghal li kien biex ikunu jistghu jinnegozjawh aktar facilment, hi talba legittima li qed tigi akkolta minn din il-qorti;

Ghaldaqstant, din il-qorti tiddeciedi billi:

1. Takkolji in parte t-talba attrici kif fuq inghad u tikkundanna lill-konvenuti Lawrence u martu Emmanuela Fenech biex ihallsu lill-attur Joseph Gatt l-ammont ta’ tlett elef, sitt mija u hamsin Lira Maltin, (LM3,650.00,0), bhala rifuzjoni ta’ depozitu mhallas mill-attur lill-konvenuti mal-konvenju in dizamina;

2. Illi konsegwentement tirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenuti fir-rigward;

3. Illi takkolji l-kontro-talba tal-konvenuti u konsegwentement tikkundanna lill-attur Joseph Gatt bix ihallas lill-konvenuti konjugi Fenech l-ammont ta’ elett mija u tnejn u erbghin Lira Maltin, (LM342.00,0), ghall-ispejjez minnhom inkorsi biex jirripristinaw il-fond de quo ghall-istat li kien;

4. Illi konsegwentement tirrespingi t-talbiet rimanenti kollha tal-partijiet, bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet u bl-imghaxijiet rispettivi dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------